**Qorti tal-Magistrati (Malta)**
**Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali**

**Magistrat Dr. Claire L Stafrace Zammit B.A. LL.D.**

**Il-Pulizija**
**[Spettur Kylie Borg]**

**vs**

**Clayton Fenech**

**Kumpilazzjoni Numru: 652/16**

**Illum, 20 ta' Frar, 2017**

**Il-Qorti,**

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi Clayton Fenech detentur tal-karta tal-identita` numru 461189M.

Akkuzat talli nhar l-14 ta' dicembru 2016, ghall-habta tas-13.30 ta' wara nofsinhar, gewwa Guido Cash and Carry, f'Hal Qormi:

1. Kien komplici f'delitt ta' serq aggravat (ta' fliexken tax-xorb) liema serq huwa aggravat bil-valur (ta' inqas minn €2,329.37), ghad-dannu ta' Favell Wines and Spirits, u/jew persuni ohra;
2. U aktar talli fl-istess cirkostanzi, xjentement laqa' ghandu jew xtara hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq jew akkwistati b'reat, sew jekk dan isir f'Malta jew barra minn Malta, jew xjentement, b'kull mod li jkun indahal biex ibieghhom jew imexxihom; u
3. Barra minn din, l-imputat huwa akkuzat talli rrenda ruhu recediv b'diversi sentenzi moghtija mill-Qorti tal-Magistrati Malta, liema sentenzi huma definittivi u ma jistghux jigu mibdula ai termini tal-Artikolu 49, 50 u 289 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat in-nota tal-Avukat Generali li biha ta l-kunsens tieghu sabiex dawn il-proceduri ikunu trattati b'mod sommarju;

Rat l-ezami tal-imputat li bih wiegeb mhux hati tal-akkuzi kif dedotti kontrih;

Semghet ix-xiehda kollha inkluz it-trattazzjoni tal-partijiet;

Ikkunsidrat illi dawn il-proceduri jittrattaw fuq serq ta' diversi flixken ta' alkohol mill-istabbiliment "Guido Cash and Carry" f'Hal Qormi nhar l-erbatax (14) ta' Dicembru 2016 ghall-habta tas-13.30 fejn l-imputat huwa akkuzat b'komplicita` ta' dan ir-reat;

Illi spikkat f'dawn il-proceduri mhux ix-xhieda prodotti izda il-filmat mehud minn dan l-istabbiliment li juri b'mod car ir-reat. Dan il-filmat gie prodott mill-ufficjal prosekutur bhala Dok. KB2 u fejn hemm jidher bic-car l-imputat diehel dan l-istabbiliment flimkien ma' persuna ohra maskili u fejn dawn jidhru kjarament imorru dirett fuq l-ixkaffa tal-flixken tal-ispirti, iduru kemm-il darba ma' din l-ixkaffa, imbaghad il-persuna l-ohra ripetutament tiehu diversi flixken. Nel frattemp, l-imputat jidher idur mieghu sabiex jara u jissorvelja il-post. F'filmat iehor jidher din il-persuna l-ohra tiehu basket illi huwa kellu mieghu, ipoggieh fl-art sakemm imur igib il-flixken biex imbaghad ipoggihom f'dan il-basket. L-imputat jidher dejjem idur mieghu u jidher ukoll b'mod car illi huwa kien ben

konxju ta' dak li kien qed jigri madwaru tant illi jidher ihares lejn il-basket meta l-iehor kien inkinat ipoggi dawn il-flixken gol-basket.

Dawn it-tnejn jidhru kemm jidhlu flimkien kif ukoll johorgu flimkien tant illi jidhru ukoll jimxu bicca triq twila hdejn xulxin.

Illi mix-xiehda ta' rapprezentant ta' Guido Cash and Carry **Reuben Vella** hareg illi dawn il-fliexken kienu jikkonsistu fi flixken ta' Vodka li komplessivament kienu jiswew seba' mitt Ewro (700).

Illi l-Qorti rat ukoll is-sentenza ta' din il-Qorti diversament presjeduta u mmarkata Dok KB3 ai finijiet tal-addebitu tar-recidiva.

Illi rat ukoll ritratt esebit mill-prosekuzzjoni u mmarkat Dok KB1 li juri l-imputat x'kien liebes dakinnhar tar-reat u fejn il-Qorti setghet tikkonstata u tidentifika lill-istess mill-filmati.

Illi m'hemmx dubju ghalhekk illi l-imputat huwa ghal kollox kolpevoli f'dan ir-reat ghaliex kif intqal hawn fuq mill-filmati prodotti johrog bic-car il-*common design* li l-imputat u dan il-persuna li kien mieghu kellhom u dan ghaliex min jara l-istess filmati jinduna bil-komplicita` ta' dawn it-tnejn. Dawn jidhru jidhlu, iduru fil-post u sussegwentent johorgu mill-post flimkien u ghalhekk ma jistax

jinghad li dawn it-tnejn ma kellhomx dan il-*common design* rikjest f'dawn it-tip ta' reati.

Ghal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikoli 42(d),43, 267, 279(a), 334 u 49, 50 u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u stante li t-tieni (2) akkuza hija alternattiva ghall-ewwel (1) qed issib lill-imuptat Clayton Fenech hati tal-akkuzi migjuba kontrih u tikkundannah ghal piena karcerarja ta' tmien (8) xhur.

**Dr Claire L Stafrace Zammit B.A. LL.D.**
**Magistrat**